**NOMINA TAS-SUR CLIFFORD GALEA VELLA MASLENNIKOV GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI GĦAN-NAMIBJA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandha n-Namibja? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?

   *Minkejja li l-povertà naqset sew mill-1994 sal-lum fin-Namibja, u dan skont rapport mill-bank dinji, xorta waħda tinħass il-ħtieġa għall-iżvilupp fil-mod intier tiegħu. Apparti dan, fin-Namibja jeżisti aċċess baxx għas-servizzi bażiċi. Fuq quddiem nett, tibqa' l-kwistjoni tal-inugwaljanza, problemi fil-qasam tas-saħħa u servizzi relatati, kif ukoll nuqqas ta' opportunitajiet edukattivi. Sfidi oħra huma relatati mal-ilma u n-nuqqas tiegħu, nuqqas kbir ta' xogħol (fejn hemm ukoll ħtieġa ta' ħaddiema trenjati – skilled labour), tensjonijiet bejn il-pubbliku fuq artijiet u anke nuqqas ta' għarfien dwar mard infettiv bħall-AIDS.*

   *Madanakollu, in-Nambija għamlet avvanzi kbar xorta waħda fejn minn meta ħadet l-Indipendenza fil-21 ta' Marzu tal-1990, inħolqu universitajiet ġodda u anke kien hemm bidu ta' relazzjonijiet ekonomiċi ġodda fejn fis-sena 2023, it-tkabbir ekonomiku kien ta' 4.2%. Filwaqt li qabel, il-pajjiż kien iffukat ħafna fuq il-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-komoditajiet primarji bħal-laħam, ħut u minerali, l-ekonomija ġiet iddiversifikata biex tindirizza dan l-iżbilanċ strutturali. Kien hemm żieda ta' attività manifatturali u anke modernizzar ta' sistemi finanzjarji u anke fis-settur tal-ICT. Ħasbu wkoll biex jattiraw investiment barrani u anke ħolqu inċentivi biex isaħħu l-prodott nazzjonali.*

   *Nixtieq li jekk ġaladarba nkun maħtur Ambaxxatur, naħdem fuq tisħiħ ta' relazzjonijiet bilaterali bejn Trade Malta, il-Gvern Malti u l-Malta Chamber of Commerce u n-Namibia Investment Promotion Development Board (NIPDB) biex ikunu attirati parteċipanti miż-żewġ pajjiżi fejn jesploraw kollaborazzjoni ta' kummerċ. Fi Frar 2021, saret it-tieni laqgħa tax-xorta tagħha għaliex Malta u n-Namibja għandhom relazzjoni diġà, minn meta n-Namibja ħadet l-Indipendenza. Anke saħansitra qabel l-Indipendenza, Malta offriet taħriġ lit-technicians u l-infermiera fi żminijiet kruċjali.*

   *Is-settur tas-saħħa jista' jkun ta' benefiċċju kemm għal Malta u anke għan-Namibja. Fin-Namibja tinħass il-ħtieġa ta' titjib u anke opportunitajiet f'dan il-qasam. L-istess jista' jibbenefika pajjiżna billi jkun hemm opportunitajiet ta' taħriġ f'Malta li minnu jgawdi l-poplu waqt li jkun qed isir it-taħriġ hawn. Nara opportunità wkoll ta' kollaborazzjoni mal-Ordni Sovrana tal-kavallieri ta' Malta fejn hemm diġà ħidma bilaterali li hija bbażata fuq inizjattivi ta' karità.* Dan japplika wkoll għall-qasam tal-mard infettiv bħall-AIDS u anke dak tal-addiction, kif ukoll is-suwiċidji. Hawnhekk jistgħu jinħolqu opportunitajiet ta' taħriġ kemm minn Malta fin-Namibja b'esperjenzi reali, u anke viċi versa biex il-pajjiż u anke Malta, jattrezzaw ruħhom aħjar f'dan l-aspett u jitgħallmu minn xulxin. Il-poplu tan-Namibja għadu jħoss ċerti trawmi mill-passat.*

- **Malta, fir-rigward tal-Afrika, għanda viżjoni ta' politika u diplomazija ekonomika, li tippreżenta 'trade not aid' – ħidma kummerċjali mhux biss f'livell ta' għajnuna (Strateġija 2020) li tirrikonoxxi ħidma kollaborattiva bil-għan prinċipali li l-kontinent Afrikan ikompli jiżviluppa. L-istrateġija ta' Malta għall-Afrika (2020-2025), tirrikonoxxi wkoll il-pożizzjoni ġeografika tagħna fil-Mediterran, bħala kontributur ewlieni bejn l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika tal-Punent kif ukoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika fit-tisħiħ ta' relazzjonijiet aktar sodi.*

  *Nara wkoll opportunità ta' ħidma kollaborattiva bejn l-MCAST u n-Namibian University of Science and Technology fejn fil-pajjiż imsemmi, qed tingħata spinta kbira f'dan ir-rigward. L-istess qed isir f'pajjiżna.*

  *Bla dubju, b'moħħ miftuħ, inkun dispost li nesplora opportunitajiet oħra.*

2. Bħala ambaxxatur mhux residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn in-Namibja u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   *Ir-rieda tajba u l-integrità, nemmen li huma pedamenti importanti ħafna. Irridu nkomplu negħlbu l-istigmi u r-razziżmu kif ukoll nedukaw u nixtarru iżjed dwar dak li aħna u huma kapaċi noffru lil xulxin. Dan kollu jsir b'reqqa u attenzjoni biex dak li jsir, ikun sostenibbli u mhux tal-mument, imma ħidma li tkun għat-tul u li minnha jinħoloq tisħiħ fir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi u finalment, ikun hemm riżultati konkreti.*

3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u n-Namibja? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   *Qabel xejn, mir-riċerka li għamilt innutajt kemm l-aspett ambjentali huwa ferm stmat fin-Namibja tant li 40 fil-mija tal-art fil-pajjiż hija protetta b'forom ta' parks nazzjonali, foresti komunali u riżervi naturali. Dan b'mod awtomatiku jgħin ekonomikament u kummerċjalment fejn tingħata attenzjoni lejn dak li jista' jintilef mas-snin. Dan jista' jkun ta' eye-opener kif aħna nsaħħu l-ambjent ta' madwarna anke jekk il-progress irid jitkompla.*

   *Naf ukoll li fil-pajjiż hemm nuqqas ta' għajnuna fir-rigward ta' fondi li aħna bħala pajjiż membru stat fl-Unjoni Ewropea, nistgħu ngħinu, imma billi noħolqu proġetti flimkien li minnhom inkunu qed nieħdu aħna wkoll f'bosta forom differenti fosthom tagħlim u kwalitajiet li jakkwistaw esperti u ħaddiema tagħna b'din il-prattika.*

   *Ma nistax ma nsemmiex kif lura fl-2020, Malta esportat 500 tunnellata ta' patata lejn in-Namibja li esperjenzat nixfa kbira matul il-pandemija tal-Covid-19; ġest li għen madwar nofs miljun persuna. Din il-patata kellha tkun esportata lejn l-Olanda imma minħabba l-għeluq tal-postijiet pubbliċi waqt il-pandemija, din baqgħet lokalment. Kif intqal dakinhar, dan kien bidu ta' inizjattivi li saħħet ir-relazzjoni bejn Malta u n-*

*Namibja li tista' twassal għal koperazzjoni u potenzjal ta' kummerċ jekk inkomplu naħdmu fuqu. Iżjed prodotti lokali jistgħu jkunu esportati lejn il-pajjiż.*

*Dawn ir-relazzjonijiet jinbnew jew jissaħħu b'rieda u konsistenza. Hemm ħafna iżjed. Nemmen li jekk ningħata ċ-ċans li nirrappreżenta lil pajjiżi, inkun nista' nkompli nesplora u nara l-fattibilità ta' dawn in-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali b'mod aktar sod.*

4. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

   *Malta dejjem kienet minn ta' quddiem biex isaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi barranin. Fil-każ tan-Namibja, il-Professur Guido de Marco kien strumentali ħafna fis-sapport tal-Indipendenza għan-Namibja. Il-President Emeritus ta' pajjiżna dak iż-żmien kien il-President tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Prim Ministru Dom Mintoff ġab flimkien in-naħa taż-Żimbabwe biex jippreżentaw front komuni. Mintoff u De Marco għenu bis-sħiħ biex jassikuraw l-Indipendenza tan-Namibja. (Malta tat 'il fuq minn 400 scholarship liż-Żimbabwe u n-Nambija fil-bidu tas-snin 80 b'sapport lill-pajjiż għall-Indipendenza. Dan mill-aspett storiku li huwa ferm importanti u li jafferma li minkejja ċ-ċokon ta' pajjiżna, Malta dejjem kienet b'saħħitha fil-fora internazzjonali u b'kapaċità li ssemma leħinha u twettaq.*

   *It-tneħħija tal-visa għat-turist Malti lejn in-Namibja hija importanti. L-importanza wkoll ta' ħidma u trattati fis-setturi edukattivi, agrikoli inkluż studji veterinarji, reverse osmosis, riċiklaġġ u anke kulturali bi protezzjoni wkoll lejn l-arkivji. Id-double taxation agreement għandu jkun revedut. M'hemm l-ebda dispożizzjoni ġenerali unilaterali għal ħelsien mit-tassazzjoni doppja, għalkemm dispożizzjoni speċifika tipprevjeni t-tassazzjoni doppja ta' royalties. Hemm ukoll l-Air Services Agreement li jista' joffri opportunitajiet.*

   *Kif weġibt għall-mistoqsija numru 1, semmejt li Malta f'Jannar tal-2020 nediet l-Istrateġija għall-Afrika li tirrifletti kummerċ mhux biss karità (trade not aid) fejn irikonoxxiet li partnership jgħin ħafna fl-iżvilupp tal-Afrika u li din hija prijorità. Bil-ftuħ tal-ewwel Ambaxxati fil-Ghana u l-Etjopja, Malta kkommettiet ruħha biex taġixxi bħala l-pont bejn il-kontinenti, pari passu ma' dak li anke saħqet il-President von der Leyen fl-indirizz tagħha lil Malta meta ġiet imnedija l-Africa Strategy. Din tenfasizza wkoll dwar l-importanza tal-pożizzjoni strateġika ta' Malta bħala faċilitatur għall-Afrika f'relazzjoni mal-African Continental Free Trade Area (AfCFTA) kif ukoll il-kummerċ bejn l-UE u l-AU fil-qalba tal-Mediterran.*

   *Fuq din il-mistoqsija, hemm ħafna xi jsir. Eżempju, konxju wkoll mill-fatt li n-Namibia ma tirrikonoxxix pajjiżi li daħlu fl-UE fl-2004 bħala membri fl-UE u għalhekk hemm il-visa imposta. Tant u hekk, li n-Namibja kienet sostniet li huma ma kinux infurmati bid-dħul tal-pajjiżi fosthom Malta, fl-UE. L-Agrikoltura, l-edukazzjoni u anke l-qasam marittimu huma ferm importanti. Irridu li aħna nkunu l-punt ta' referenza u mhux il-Ġermanja. Punt żgħir tal-aħħar, għaliex hemm ħafna xi tgħid u x'tiddiskuti, ftit ilu sar magħruf li n-Namibja tixtri l-patata mill-Olanda, liema patata tinxtara bi prezz baxx*

*minn Malta. Dan jista' jinbidel u jixtruh direttament mingħandna. Riżultat: Kummerċ u tisħiħ ekonomiku u iżjed.*

5. Kif tara li Malta u n-Namibja jistgħu jikkollaboraw? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'ċerti setturi?

   *Kif spjegajt, hemm bosta kollaborazzjonijiet li jistgħu jsiru; b'mod speċjali fil-qasam edukattiv, fil-qasam tas-saħħa u anke dak kummerċjali. Saħansitra fit-tisħiħ tal-ugwaljanza fejn pajjiżna jista' jservi ta' mudell għad-drittijiet indaqs għal kulħadd. Dan irid isir ukoll b'rispett lejn il-mentalità tal-pajjiż imsemmi, fejn b'edukazzjoni u tagħrif, ngħinu għal aktar tibdil u żvilupp.*

6. Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   *Qatt ma ħdimt fil-korp diplomatiku jew fil-Ministeru tal-Affarijiet barranin. Servejt bħala Minority Leader tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar u issa bħala President tar-Reġjun, fejn f'opportunitajiet li kelli, dejjem rajt li npoġġi isem pajjiżna fuq quddiem u fejn jixraqlu. Matul l-10 snin fil-Kunsill, żorna u bnejna relazzjonijiet mar-Rumanija u l-Bulgarija; relazzjonijiet li għadhom b'saħħithom sal-lum. Issa bħala President Reġjonali, ikolli ħafna opportunitajiet ta' ħidma rappreżentattiva barra l-pajjiż f'diversi oqsma u setturi li jaffettwaw lil pajjiżna, fosthom saħansitra fil-qasam tal-iskart fejn flimkien ma' pajjiżi oħra, ħdimna u għadna naħdmu biex jitnaqqas it-tniġġis ambjentali; fil-pożizzjoni tiegħi rajt li aħna bħala pajjiż, flimkien ma' Presidenti Reġjonali oħra, ningħataw l-għodda meħtieġa anke mill-aspett ta' għarfien u taħriġ biex Malta ma taqax lura minħabba ċ-ċokon iżda tingħata l-istess opportunità. F'isem ir-Reġjun Tramuntana ikkollaborajna wkoll fil-proġett Rural Youth Europe li għadu għaddej sal-lum; proġett li twaqqaf fl-1957 bil-funzjoni li jservi ta' umbrella għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, jipprovdi taħriġ internazzjonali u jaħdem bħala intermedjarju bejn entitajiet nazzjonali u anke istituzzjonijiet pubbliċi.*

   *Kelli wkoll l-opportunità li nirrappreżenta lir-Reġjun Tramuntana u anke bħala Malti fil-Cop 27 f'Sharm El-Sheikh f'Novembru 2022 fejn aċċennajt bis-sħiħ dwar l-importanza li s-suġġett tat-tibdil fil-klima jingħata l-attenzjoni massima u nagħtu l-vuċi liż-żgħażagħ (li sejjaħtilhom trailblazers) imma wkoll b'ugwaljanza sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa qabel ikun tard wisq. Aktar informazzjoni fuq dan il-qasam b'relazzjoni ma' dak li tkellimt dwaru jista' jkun aċċessat hawn taħt:*

   *https://www.iema.net/articles/cop27-described-as-an-inspiration-overload-during-iema-blue-zone-event*
   *https://platforma-dev.eu/category/climate-change/*

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għan-Namibja?

   *Niddeskrivih bħala responsabbiltà li tissarraf f'ħidma ġenwina kemm favur pajjiżi stess u anke għan-Namibja; li minn relazzjonijiet b'saħħithom bejn Malta u n-Namibja, joħroġ frott mixtieq b'riżultati pożittivi. Li ngħin u niffaċilita t-tisħiħ tal-ħidma fuq diversi aspetti u oqsma diversi. Malta, tkompli ssaħħaħ isimha bħala pajjiż li joffri id ta' ħbiberija fejn hu ġust, sapport u għajnuna kif ukoll iservi ta' pont li jgħaqqad l-Ewropa mal-kontinent Afrikan.*

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u n-Namibja?

   *Id-distanza m'għandhiex tkun ta' sfida. Apparti hekk, biex Malti jżur in-Namibja għandu bżonn visa kemm għal skop ta' vaganza u anke ta' kummerċ. B'ħidma diplomatika nistgħu ntaffu l-isfidi u nsarrfuhom f'opportunitajiet.*

   *Il-prijoritajiet anke proposti mill-Unjoni Ewropea għall-partnership – EU Africa jiffukaw ukoll fuq paċi u stabbiltà, kontroll tal-migrazzjoni u mobiltà, tisħiħ fid-demokrazija u l-governanza tajba, ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi u anke li tkun indirizzata l-kwistjoni tat-tibdil tal-klima. Malta temmen li l-gvernijiet Afrikani jridu jirrispondu mill-aktar fis-'short-term issues' imma wkoll dawk fit-tul, biex isaħħu l-ħażna tal-ikel, sigurtà nutrittiva u s-sistemi li jmatnu l-bniedem li bihom jgħix.*

   *Dan għandu jwassal biex ikun hemm tisħiħ biżżejjed fis-sistemi tal-pajjiż u preparazzjoni f'każ ta' kriżijiet anke naturali futuri.*

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu man-Namibja?

   *Interess komuni jibqa' l-iżvilupp tal-pajjiżi għal-livell ta' għajxien dejjem aqwa minn dak preżenti. Minkejja li Malta hija ferm avvanzata fil-mod ta' kif ngħixu, xorta waħda lkoll irridu li pajjiżna jkompli jimxi 'l quddiem b'aktar opportunitajiet indaqs, xogħol għal kulħadd (fin-Namibja għandek gradwati li jispiċċaw ma jsibux xogħol), edukazzjoni u servizzi tas-saħħa disponibbli, kif jixraqlu kull individwu.*

   *It-tibdil fil-klima, l-ugwaljanzi bejn is-sessi, ir-rispett lejn in-nisa bla ebda forma ta' diskriminazzjoni, il-protezzjoni soċjali, u l-promozzjoni tal-paċi u kollaborazzjoni mal-Unjoni Ewropea huma komuni bejnietna. Malta, tħares 'il quddiem li jkollha rwol importanti biex tiffaċilità iżjed u tgħaqqad l-Unjoni Ewropea mal-Afrika u b'hekk, toħloq opportunitajiet għal tkabbir ta' kummerċ u investiment.*

   *L-ekonomija Maltija tipprovdi wkoll niċeċ li jinkludu servizzi ta' manifattura avvanzata, farmaċewtika, avjazzjoni, ICT u midja diġitali, kif ukoll in-niċċa tas-settur marittimu, li jistgħu jservu bħala setturi li minnhom jibbenefikaw iż-żewġ pajjiżi fuq livell kummerċjali permezz ta' kollaborazzjoni.*

*Is-sigurtà u l-prosperità huma wkoll binarji importanti u komuni għaż-żewġ pajjiżi. Malta u n-Namibja jaqblu fuq dawn il-prinċipji li huma wkoll ibbażati fuq l-idea ta' solidarjetà imma wkoll responsabbiltà.*

4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan il-korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

   *Minkejja li ma kellix iċ-ċans sa issa li nkun assenjat f'ambaxxata, minn dejjem kelli interess kbir fil-ħidma diplomatika ta' pajjiżna. Din twieldet ukoll mill-fatt li jien studjajt l-Istorja ta' Malta u dik Ewropea, anke bi studju li għamilt fl-Università di Tor Vergata f'Ruma. Il-kuntatti li ħloqt tul iż-żmien, anke permezz ta' programmi televiżivi li għamilt relatati mal-kultura, għenuni nixtarr iżjed dwar dan is-suġġett li jinteressani sew. Bnejt anke relazzjonijiet pożittivi ma' diversi persuni f'pajjiżi barranin minn oqsma differenti, tul l-opportunitajiet li kelli tul is-snin bi rwoli u esperjenzi differenti fosthom ukoll bid-Duke of Edinburgh Award u proġetti tal-Erasmus, kif ukoll b'kuntatti bil-kollaborazzjoni mal-MUYA (Malta Unesco Youth Association). Dan anke għamiltu tul il-perjodu li ħdimt bħala Assistent Personali għall-Ambaxxatur ta' Malta għall-UNESCO, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Carabinieri (Associazione dei Carabinieri) f'Lanciano, relazzjonijiet fil-Vatikan fejn anke ltqajt ma' Papa Franġisku wara sempliċiment ittra personali li bgħattlu u rċevejt stedina personali ftit ġimgħat biss wara, kuntatti li bnejt bil-għajnuna tal-Ordni Agostinjana fejn qattajt xhur ngħix magħhom u nikkollabora ħidma magħhom anke ma' membri barra l-pajjiż, u dan għamiltu wkoll grazzi għall-mużika, fejn jien studjajt il-vuċi u l-pjanu; li laqqgħani ma' ħafna entitajiet importanti barra l-pajjiż. Dan għallimni wkoll proċessi importanti f'dan il-qasam li qed niddiskutu hawnhekk.*

   *Kont parteċipi wkoll fiċ-CHOGM 2015, u l-Valletta Summit tal-2015. U l-Presidenza Maltija tal-Unjoni Ewropea: Malta, EU 2017.*

5. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fin-Namibja u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fin-Namibja?

   *Sa issa ma kellix żjarat fin-Nambija u m'għandix rabtiet jew investiment kummerċjali fil-pajjiż.*

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

   *Kif spjegajt qabel, is-sehem tiegħi sa issa f'dan ir-rigward kien f'isem il-Kunsill Lokali tan-Naxxar u bħala President tar-Reġjun Tramuntana; fejn b'din il-pożizzjoni jien ukoll membru tac-CEMR (Council of European Municipalities and Regions) Policy Making Committee. Minn żmien għal żmien inkunu msejħa f'laqgħat Ewropej li fihom jittieħdu deċiżjonijiet importanti. Riċentament, propju f'Diċembru 2023 attendejt għal dibattitu politiku fi Praga dwar it-tibdil tal-klima u x'qed jagħmlu l-kunsilli lokali u r-Reġjuni dwar dan. Hawnhekk ġiet iffirmata d-Dikjarazzjoni ta' Praga (The Prague Decleration)*

*fejn f'isem il-Maltin, enfasizzajt li anke t-tfal għandhom jingħataw l-attenzjoni u s-smigħ fuq x'jaħsbu huma. Din l-emenda ġiet aċċettata u kienet tgħid hekk:*

"Further strengthen the involvement of children which has been widely recognised as a fundamental right. Children's participation encompasses various dimesnions of their engagement, with a strong connection to the Convention of the Rights of the Child and make this a cornerstone of vital discussions affecting children both in the present and future."

Aktar informazzjoni dwarha, ġentilment hawnhekk:

https://www.ccre.org/en/actualites/view/4516

7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

   *Il-professjoni tiegħi hija dik ta' għalliem tal-istorja ta' Malta. Għallimt bejn is-snin 2007-2013 fl-iskejjel: Naxxar Boys Secondary School, Fortini-Birgu, u Verdala Junior Lyceum f'Bormla.*

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

   *Iva, ħdimt fis-Segretarjat tal-Ministru t'Għawdex Anton Refalo fl-2013, fis-Segretarjat tal-Ministru Owen Bonnici (Ministeru għar-Riċerka, Innovazzjoni u koordinazzjoni għal wara l-Covid-19), Ministeru tal-Anzjanità Attiva mmexxi minn Dr Michael Farrugia u bqajt fl-istess ministeru taħt Dr Jo Etienne Abela li issa sar il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva. L-irwol tiegħi kien dejjem fl-uffiċċju tal-Komunikazzjoni.*

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għan-Namibja?

   *Nokkupa l-kariga ta' President tar-Reġjun Tramuntana fejn naħdem mill-qrib ma' 9 kunsilli lokali fi ħdanna. Viċi President ta' Naxxar Lions FC. Karigi oħra huma onorarji; President Onorarju tal-Banda Peace tan-Naxxar u President tal-Banda San Pawl f'San Pawl il-Baħar. Apparti r-Reġjun Tramuntana, il-karigi l-oħra huma kollha marbuta mad-dmir li nħoss, li nagħti sehemi fil-volontarjat fil-komunità u sapport anke fl-identità lokali u kulturali ta' pajjiżna.*

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għan-Namibja?

    *Niddikjara li m'għandi l-ebda attività kummerċjali.*

11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?
    *Niddikjara li m'għandi l-ebda kunflitt ta' interess.*

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

*Niddikjara li m'għandix passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor.*

________________________________